**11 ta' Lulju, 1997**

**Imhallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Carmelo Camilleri u Theresa Agius

**Ko-akkużat - Ordinanza tad-Dwana**

*Hu prinċipju elementari tad-dritt ta' proċedura penali taghna li dak li jistqarr ko-akkużat, sia jekk bil-fomm biss u sia jekk bil-miktub, ma jaghmilx prova la favur u anqas kontra ko-akkużat iehor. Dan il-prinċipju jitnissel kemm mill-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll mill-artikolu 636 (b) ta' l-imsemmi Kodiċi. Infatti l-ġurisprudenza taghna rrikonoxxiet ukoll l-inammissibilita' tax-xiehda tal-ko-akkużat kemm-il darba l-każ tieghu ma jkunx ġie definittivament konkluż.*

*Il-Qrati taghna dejjem irritenew li ghalkemm huwa veru li skond il-liġi*

*f'akkuża ta' pussess ta' oġġett li dwaru ma jkunx tħallas id-dazju l-prova li d-dazju kien tħallas għandha ssir mill-imputat, minkejja dan għandha ssir distinzjoni bejn il-każ fejn l-imputat huwa l-importatur ta' dak l-oġġett jew il-kompliċi tiegħu jew l-esekutur immedjat ta' l-att ta' kuntrabandu u l-każ li l-imputat ikun ħaddieħor. F'dan l-aħħar każ jeħtieġ għall-kontravvenzjoni r-rekwiżit tax-xjenza, jiġifieri li l-imputat kien jaf, jew messu raġonevolment kien jaf, tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, li d-dazju dwar dak l-oġġett ma kienx ġie mħallas.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Esekuttiva kontra Carmelo Camilleri u Theresa Agius talli:

F'dawn il-Gżejjer matul ix-xahrejn qabel it-22 ta' Jannar, 1992 għamlu lottu klandestin jew ġabru l-flus tal-ġugati fuqu jew b'xi mod għinu jew ħajru jew ħadu parti f'lottu klandestin li sar b'wegħdiet lil ġugaturi ta' premjijiet ta' flus jew ta' ħaġ'oħra jew bil-mezz ta' ġbir jew ta' sottoskrizzjonijiet ta' ġugati fuq komunikazzjonijiet ta' numri li jaqblu ma' dawk tal-lottu pubbliku jew li jkunu bħalhom bi ksur ta' l-artikolu 12 (1) (2) (3) tal-Kap. 70 tal-Liġijiet ta' Malta;

Fil-konfront ta' Carmelo Camilleri biss, talli f'dawn il-Gżejjer fil-21 ta' Jannar, 1992 instab li kellu fil-pussess tiegħu jew taħt il-kontroll tiegħu (a) Casio Pocket Television Set 2" Screen, Model T.V.430, serial number 3047869W Pal System LCD Display, b'valur ta' ħamsa u għoxrin lira (Lm25) u b'dazju dovut fuqu li jammonta għal tmintax-il lira; (b) żewġ walkie talkies tal-marka "Shira" model J.F. 1111 AM Band, b'valur ta' tletin lira (Lm30) u dazju dovut fuqhom xejn, l-importazzjoni ta' liema oġġetti hi ristretta u d-dazju fuq l-oġġett indikat fil-partita (a) ma ġiex imħallas jew ikkawtelat bi ksur ta' l-artikoli 60 (a) (ċ) (k) u 62 (a) (b) (ċ) (f) (ġ) (ħ) (i) (k) tal-Kap. 37;

Fil-konfront ta' Carmelo Camilleri biss, talli nhar il-21 ta' Jannar, 1992 waqt li kien priġunier fil-Habs Ċivili u kien jinsab għall-kura fl-isptar San Luqa bħala persuna li ma kienx uffiċjal tal-ħabs jew persuna oħra impjegata fil-ħabs, mingħajr awtorita' legali, daħħal fil-ħabs jew fil-post li fih kien jinsab taħt ir-regolamenti tal-ħabs u nstab fil-pussess ta' oġġetti li huma pprojbiti b'regolamenti magħmulha taħt l-Att IX ta' l-1976 u l-artikolu (*recte* regolament) 7 tar-Regolamenti tal-Habs ta' l-1931;

Carmelo Camilleri kien akkużat ukoll li kien reċidiv b'sentenzi ta' din il-Qorti (ċjoe' tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali) ta' l-14 ta' Frar, 1991 u 3 ta' Ottubru, 1991;

Kien hemm imbagħad imputazzjoni kontra Theresa Agius biss dwar ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31, liema imputazzjoni pero', mhix relevanti għall-finijiet ta' l-appell odjern;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-23 ta' Ottubru, 1995 li biha, a rigward ta' l-imputat Carmelo Camilleri dik il-Qorti sabitu ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tiegħu u kkundannatu għal multa ta' tlett elef lira (Lm3,000) u priġunerija ta' disa' (9) xhur, dik il-Qorti ordnat ukoll il-konfiska tad-dokumenti JM1 sa JM6 u JM10 sa JM11 u għal "raġunijiet sanitarji", id-distruzzjoni tad-dokumenti JM7, JM8 u JM9 b'opera ta' Dott. Anthony Abela Medici; Theresa Agius instabet ukoll ħatja ta' l-ewwel imputazzjoni u ġiet ikkundannata multa ta' elf lira (Lm1,000) kif ukoll priġunerija għal perijodu ta' sitt (6) xhur, b'dan pero' li din il-piena ta' priġunerija ġiet sospiża għal sentejn fit-termini ta' l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali;

Ghalkemm mill-atti jidher li wara l-ghoti tas-sentenza mill-Ewwel Qorti kemm Carmelo Camilleri kif ukoll Theresa Agius talbu *s-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza, kien* Carmelo Camilleri biss li, bir-rikors tieghu tat-2 ta' Novembru, 1995 appella mill-imsemmija sentenza u talab ir-revoka jew altrimenti u subordinatament ir-riforma taghha;

Rat l-atti kollha tal-kawża; *semghet lid-difensuri tal-*partijiet; ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu li l-Ewwel Qorti, biex waslet ghad-deċiżjoni taghha ta' htija dwar l-ewwel imputazzjoni (ċjoe' dik tal-lottu *klandestin*) strahet prinċipalment fuq diskors li ma kienx ammissibbli bhala prova fil-konfront tieghu. Effettivament mis-sentenza appellata jidher li l-Ewwel Qorti tat piż konsiderevoli lil diskors li WPS 45 Marisa Bartolo qalet li semghet lill-ko-akkużata tghid dwar xi dokumenti li kienu ghadhom kif appena nstabu waqt perkwiżizzjoni fir-residenza taghha u fil-presenza taghha. Infatti dik il-Qorti qalet hekk:

"Il-komparteċipazzjoni ta' l-imputat f'dan ir-reat huwa evidenti anke minn dak li xehdet WPS 45 Marisa Bartolo meta kienet fir-residenza ta' l-imputati ghat-tfittxija li saret u ċempel it-telefon u lil min kelmet l-imputata semghetha tghidlu li "sabuhom il-kotba"; WPS 45 tghid li kienet l-imputata stess li qaltilha li kien l-imputat Camilleri li kien ċemplilha. Bara minn hekk l-istorja ta' xi hadd jismu "Frans" mhu xejn hlief tentattiva biex tipprova tiskolpa ruhha";

Din l-ahhar sentenza hi referenza ghad-deposizzjoni moghtija mill-imsemmija ko-akkużata Theresa Agius quddiem il-Qorti Inferjuri fl-udjenza tad-29 ta' Lulju, 1994;

Issa, hu prinċipju elementari tad-dritt ta' proċedura penali tagħna li dak li jistqarr ko-akkużat, sia jekk bil-fomm biss u sia jekk bil-miktub, ma jagħmilx prova la favur u anqas kontra ko-akkużat ieħor. Dan il-prinċipju jitnissel kemm mill-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll mill-artikolu 636 (b) ta' l-imsemmi Kodiċi. Infatti l-ġurisprudenza tagħna rrikonoxxiet ukoll l-inammissibilita' tax-xiehda tal-ko-akkużat kemm-il darba *l-każ tiegħu ma jkunx ġie definitivvament konkluż*; ara, *inter alia*, **R.** *vs* **Carmelo Cutajar** *ed altri*, 18/1/27 (Vol. XXVI.IV.758); **P.** *vs* **Toni Pisani**, 11/11/44 (Vol. XXXII.IV.792); **R.** *vs* **Karmnu Vella**, 3/12/47 (Vol. XXXIII.IV.547); **P.** *vs* **Alfred W. Luck** *et*, 25/4/49 (Vol. XXXIII.IV.870); u **P.** *vs* **Nicholas Grima**, 31/5/58 (Vol. XLII.IV.1393), kollha appelli kriminali;

*Omissis*;

*Fiċ-ċirkostanzi u speċjalment meta jidher ċar li l-Ewwel* Qorti tat piż konsiderevoli lill-kliem tal-ko-akkużata biex waslet għall-konklużjoni tagħha, din il-Qorti m'għanhiex alternattiva ħlief li tillibera lill-appellant mill-ewwel imputazzjoni;

*It-tieni aggravju ta' l-appellant jirrigwarda t-tieni* imputazzjoni, ċjoe' dik tal-ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza tad-Dwana. L-appellant jilmenta li l-oġġetti li nstabu għandu ta spjegazzjoni ta' minn fejn inġabu u li ma nġabet ebda prova tal-*mens rea* rikjesta taħt il-Kap. 37 għall-finijiet ta' sejbien ta' ħtija. Din it-tieni imputazzjoni tirreferi għall-Casio Pocket Television Set u *ż-żewġ walkie talkies* misjuba fir-residenza ta' l-appellant. Fil-kuntest ta' pussess ta' oġġetti li dwarhom ikun allegat li ma tħallasx dazju: il-qrati tagħna, inkluża din il-Qorti diversament ippresjeduta, dejjem irritjenew li għalkemm huwa veru li skond il-liġi f'akkuża ta' pussess ta' oġġett li dwaru ma jkunx tħallas id-dazju l-prova li d-dazju jkun

thallas ghandha ssir mill-imputat; minkejja dan ghandha ssir distinzjoni bejn il-każ fejn l-imputat huwa l-importatur ta' dak l-oġġett jew il-kompliċi tieghu jew l-esekutur immedjat ta' l-att ta' kuntrabandu u l-każ li l-imputat ikun ħaddieħor. F'dan l-aħħar każ jeħtieġ ghall-kontravvenzjoni r-rekwiżit tax-xjenza, jiġifieri li l-imputat kien jaf, jew messu raġonevolment kien jaf, tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, li d-dazju dwar dak l-oġġett ma kienx ġie mħallas (ara **Il-Pulizija** *vs* **Francis Xavier** ***sive*** **Franco Borg**, appell kriminali, 23/9/94 u s-sentenzi hemm ċitati). Applikat dan il-prinċipju ghall-każ in diżamina, ma hemmx dubbju li ghar-rigward tal-*walkie talkies* l-Ewwel Qorti kellha raġun issibu ħati kif sabitu. L-appellant jammetti fl-istqarrija tieghu li dawn kien xtrahom mill-idejn minghand xi turisti Russi li kienu niżlu minn fuq il-vapur taghhom li kien jinsab Malta u ghalhekk kien ovvju li dazju fuqhom ma kienx tħallas. Dwar il-*pocket television set*, iżda, l-appellant ta spjegazzjoni li fiċ-ċirkostanzi kienet plawsibbli ghax mhi kontradetta b'ebda *ċirkostanza oħra u ċjoe` li dan it-television set* ta' żewġ pulzieri kien inghata bħala rigal lil ibnu ghall-preċett. Din il-Qorti sejra ghalhekk tilqa' l-aggravju ta' l-appellant limitatament ghal dana l-oġġett;

Fl-aħħarnett l-appellant jilmenta li hu ma steax jinstab ħati skond it-tielet imputazzjoni. Ma hemmx dubbju li waqt li kien *miżmum l-Isptar San Luqa, l-appellant kien meqjus bħala li kien* miżmum il-ħabs u ghalih kienu japplikaw ir-regolamenti tal-ħabs. Infatti l-appellant kien - jew suppost li kien - taħt skorta kontinwa waqt li kien l-Isptar. Skond l-Ewwel Qorti l-appellant, allura imputat, kien ħati skond din l-imputazzjoni peress li nstab li waqt li kien l-Isptar kellu ghandu *video playback* u diversi *video films*. Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa kemm l-artikolu 7 (1) tal-Kap. 250 kif ukoll ir-regolamnt 7 tar-Regolamenti ta' l-1931 dwar il-Ħabs, li kienu r-regolamenti applikabbli f'Jannar ta' l-1992 u tara li l-aggravju ta' l-appellant hu ġustifikat. Is-subartikoli (1) ta' l-artikolu 7 jippenalizza lil min idaħħal jew

jipprova jdaħħal fil-ħabs "xi oġġett ikun li jkun li hu pprojbit skond xi <u>regolamenti</u> magħmula skond" *il-Kap. 260 (enfasi ta'* din il-Qorti). Kif ikkonċeda l-Avukat Ġenerali permezz tan-nota tiegħu tas-7 ta' Lulju, 1997, ma kien hemm, fiż-żmien ta' l-allegat reat, ebda regolament jew regolamenti, magħmula taħt l-imsemmi Kapitolu (jew meqjusa li huma magħmula taħtu bis-saħħa ta' l-artikolu 10 tiegħu) li kien jew kienu jipprojbixxu d-dħul ta' oġġetti fil-ħabs (salv dak li jiprovdi s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 7 imsemmi a rigward ta' armi regolari, sustanzi esplossivi, drogi, eċċ, liema subartikolu, pero` ma japplikax għall-każ). Anqas ir-regolament 7 tar-Regolamenti tal-Ħabs ta' l-1931 mhu applikabbli. Il-parti ta' dan ir-regolment li talvolta setgħet kienet applikabbli tgħid hekk:

> "*Any article that a prisoner may attempt to introduce into the prisons <u>surreptiously</u> may be confiscated and any cash so confiscated shall be paid into the Government Treasury at the close of each week*" (sottolinear ta' din il-Qorti);

Din il-Qorti ma tistax tifhem kif jista' jingħad li l-appellant daħħal l-oġġetti in kwistjoni - il-*video playback* u l-*video films* - bil-moħbi (*surreptiously*) meta dan kien taħt skorta kontinwa u dawn l-oġġetti mhumiex eżattament affarijiet li wieħed jista' jaħbi fil-but jew taħt il-qmis! F'dan il-każ, jew kien hemm traskuraġni kbira da parti ta' l-awtoritajiet tal-ħabs, jew addirittura konnivenza da parti tagħhom. Għalhekk dana l-aggravju qed jiġi akkolt;

Għall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti u ċjoe` billi tħassaraha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati skond l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet, kif ukoll f'dik il-parti fejn sabitu ħati skond it-tieni imputazzjoni in kwantu biss din tirrigwarda l-*Casio Pocket Television Set* u tilliberah minn dawn l-

imputazzjonijiet; thassaraha u tirrevokaha ukoll f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghall-multa ta' tlett elef lira u priġunerija ghall-perijodu ta' disa' xhur kif ukoll fejn ordnat il-konfiska tad-dokumenti JM1, JM2 u JM6 (il-*video films*, *video playback*u *pocket television* rispettivament); u tikkonfermaha fil-bqija, ċjoe` f'dik il-parti fejn sabitu ħati skond it-tieni imputazzjoni riferibbilment ghall-*walkie talkies* u skond ir-raba' imputazzjoni (tar-reċidiva) kif ukoll fejn ordnat il-konfiska ta' l-oġġetti l-oħra u minflok dik il-piena u in vista ta' dak li qed jinstab ħati tieghu l-appellant, wara li ħadet in konsiderazzjoni l-fedina penali xejn sabiħa tieghu, u rat l-artikolu 62 tal-Kap. 37 u l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, tikkundannah ghall-piena ta' tliet xhur priġunerija.